# Is-Servizz tal-ilma mill-Akkwadott ta' Wignacourt u mill-Ġibjun Santa Marija f'Ta' Qali

**Joseph Borg**
**President, The Malta Horticulture Society**

Għal aktar minn mitejn sena, l-akkwadott ta' Wignacourt (1610-1615) serva l-bżonnijiet tal-ilma, sew għax-xorb kif ukoll għat-tisqija ta' dawn l-irħula u l-ibliet; jiġifieri Ħ'Attard, Ħal Lija, Ħal Balzan, Birkirkara, il-Mosta, Ħaż-Żebbuġ, il-Ħamrun, Ħal Qormi, il-Furjana u l-Belt Valletta. Is-sistema tal-akkwadott kellha nkluż fiha tliet torrijiet tal-ilma li għadhom jidhru f'Santa Venera, fil-Ħamrun u fil-Furjana fejn l-Argotti.

L-ilma tal-akkwadott imtella' minn tmien nixxigħat fl-inħawi ta' Ħad-Dingli u r-Rabat kien jgħaddi bil-qlib ġo kanali maqtugħin fil-blat jew mibnijin fuq l-arkati. L-għejjun tal-ilma li kienu f'dawk l-inħawi, jiġifieri f'Għeriexem, Għajn Klieb, Għajn Qajjet, Djar Ħandul, in-Nixxiegħa tal-Borg tal-Imtarfa, Bużugrilla, Ħofret ir-Rizz u Wied il-Busbież baqgħu jissemmew hekk għal-lokal. Minn għoli ta' 440 pied (134 metru) 'l fuq minn wiċċ il-baħar fil-Fiddien, l-ilma kellu jasal sal-Belt Valletta għoli minn wiċċ il-baħar 125pied (38 metru) bil-qlib max-xeħta tal-art għax kien possibbli.



*Torre San Giuseppe fil-Ħamrun marsus mill-bini.*

Mir-Rabat sa Ħ'Attard, l-ilma kien jgħaddi minn kanali mħaffra fil-blat. Iżda l-medda ta' kanali minn Ħ'Attard sat-Torri ta' Santa Venera, quddiem Djar l-Iljuni, il-kanali kienu mibnijin fuq arkati bħalma jidhru f'Ħ'Attard, f'Ħal Balzan, f'Birkirkara u f'Santa Venera stess.

Mit-torri tal-ilma San Ġużepp li hemm fi Triq San Gejtanu fil-Ħamrun sat-torri tal-ilma fejn l-Argotti l-Furjana, l-ilma kien jgħaddi minn katusi tal-fuħħar b'dijametru ta' 22 ċentimetru. Fejn jinħtieġ għal raġuni ta' saħħa, dawn il-katusi kienu jissaħħu billi jgħaddu minn vażi tal-ġebel mgħawrin apposta.

L-Ingliżi kienu għadhom biss ftit aktar minn tletin sena hawn Malta meta bejn l-1834 u l-1841, fi żmien il-Gvernatur Sir H. F. Bouverie sar akkwadott ieħor biex iwassal l-ilma minn nixxiegħa f'tal-Fawwara, limiti tas-Siġġiewi, oħra f'Tal-Lunzjata u oħra f'Ġebel Ciantar, limiti tar-Rabat sal-irħula tal-Lvant tal-gżira u għat-tlitt ibliet tal-Kottonera. Hawn l-Ingliżi użaw katusi tal-ħadid fondut.

Il-ħtieġa ta' aktar ilma għall-popolazzjoni, għar-reġimenti ta' suldati stazzjonati f'Malta kif ukoll għall-ħtiġijiet tal-flotta navali u merkantili fil-Port il-Kbir, u għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, fil-bidu tas-snin sittin tat-tmintax-il seklu, medda katusi tal-ħadid tal-fondut, wesgħin 9 pulzieri, kienet tpoġġiet mit-Torri ta' San Ġużepp fil-Ħamrun sal-Belt Valletta flok il-medda tal-katusi tal-fuħħar biex l-ilma disponibbli jilħaq id-domanda b'mod aktar effiċjenti.

Minħabba n-nixfa tas-snin tas-sittin tas-seklu dsatax u għal raġunijiet ta' ħarsien mill-mard, inħasset il-ħtiega li l-volum tal-ilma għall-pubbliku kellu jiżdied sew. Għalhekk il-gvern kolonjali bejn l-1864 u l-1866 ħaffer għadd ta' spejjer u mini biex



*L-akwadott għaddej minn Triq l-Imdina f'Ħal Balzan*



*It-torri tal-Furjana ħdejn l-Argotti.*
*Dan fih ukoll għajn tax-xorb għall-bhejjem*

minnhom jerfa' l-ilma u jżidu ma' dak tal-akkwadott.

Fl-1875 Sir Adrian Dingli fassal skema ta' bini ta' għadd ta' ġibjuni taħt l-art biex fihom jinħażen l-ilma tal-akkwadott fix-xitwa. Ta' Qali kien wieħed mil-lokalitajiet magħżula għal dawn il-ġibjuni li mbagħad ħa l-isem tal-Ġibjun ta' Santa Marija.

Fl-1881, medda katusi oħra wasslet l-ilma mit-torri ta' San Ġużepp fil-Ħamrun għal Tas-Sliema li kienet qed tiżviluppa sew.

Fir-rapport ta' Morris insibu li fl-1886, medda ġdida ta' katusi tad-9 pulzieri tal-fondut, tqiegħdet mill-ġibjun ta' Santa Marija f'Ta' Qali fejn kien qed jinbena wkoll ġibjun 'il fuq mill-art u li kien għoddu mibni sat-Torri ta' San Ġużepp il-Ħamrun. Dan il-ġibjun kellu ħażna ta' 1.000.000 gallun (4,546,000 litri).

Fl-1885, Osbert Chadwick, li fassal il-famużi *Chadwick Lakes*, irrikmanda li jsiru spejjer f'Wied is-Sewda, limiti ta' Ħ'Attard. Dan seħħ fl-1887 u ilma minn dawn l-ispejjer f'Wied is-Sewda beda jiġi ppumpjat ukoll lejn il-ġibjun Santa Marija f'Ta Qali. Dan il-*Pumping Station* jinsab ftit 'il isfel mill-arkata li taqsam il-wied fi Triq Ħaż-Żebbuġ f'Ħ'Attard.



*Is-silos ta' Ġebel Ciantar li juruna fejn in-nies ta' Żmien il-Bronż kienu jaħżnu l-ilma.*
*Il-vleġeġ juruna l-frekwenza u l-pożizzjoni tal-bjar.*

Fil-lejl bejn il-21 u t-22 ta' Marzu 1942, bomba tal-għadu laqtet il-ġibjun ta' Santa Marija u kważi l-ilma kollu ħareġ u għarraq djar u xelters f'Ħ'Attard, f'Ħal Balzan u parti minn Birkirkara wkoll.

Din id-diżgrazzja kellha terġa' tirrepeti ruħha aktar tard wara l-gwerra meta l-ġibjun reġa' nfaqa' iżda dik hi storja oħra li la jien għadni niftakarha sewwa, inħalliha għal darb'oħra.

**Referenzi:**

*The Water supply resources of Malta*- T. O Morris, [1952]-The Government of Malta.

*Report on the Water Supply of Malta-with recommendations as to extensions thereof*-Osbert Chadick-[1894]. Malta Gov. Printing Office.

*A study of the Land Use of Wied il-Qlejgha* - Sylvia Haslam, Joseph Borg- 1998- Commissioned by the Department of Agriculture and submitted to the Planning Authority.

*The River Valleys of the Maltese Islands* - S.M. Haslam, Joseph Borg-1998-Islands and Small States Institute of the Foundation for International Studies, Malta, in collaboration with CIHEAM, Bari, Italy.

**MARACANA PASTIZZERIA**

Pastizzi, Pastizzi tax-Xemgħa, Pizza, Qassatat,
Tuna Pies, Spinaċi Pies, Anċova Pies, Meat Pies, Chicken Pies,
Wudy Cheese, Wudy Chicken, Frunkfurters, Timpana u Ross.

Għaġina friska kuljum u naċċettaw ordnijiet għall-parties.

**425, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara • Tel: 21447613**



PERCIUS

**185, Annibale Preca Street, Lija.**

**Telephone: 21442530 / 21447564**

**Mobile: 99424098 / 99884049**

**Website: www.percius.com**

**Email: info@percius.com**

Services provided:

Chauffeur-drive service

Car rental

Leasing

Wedding service

Executive VIP service

All cars are fully air-conditioned and with uniformed drivers.